MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Talba Numru. 1282/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Terence Agius a bazi tal-polza t'assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-ligi u l-istess Terence Agius**

**Vs**

**Carmel Mifsud**

**It-Tribunal**

Ra l-Avvizipprezentat fis-27 ta' Gunju 2003 li permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' hames mija w erbgha u sebghin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm574.16c) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi b'rizultat ta' kollizjoni li sehhet fit-13 t'Awissu 2003 f' San Pawl il-Bahar bejn il-vettura ta' Terence Agius bin-numru ta' registrazzjoni EBA 642 u l-

vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni EBY 510 liema kollizjoni l-atturi qed jallegaw li sehhet unikament b'rizultat ta' traskuragni, negligenza, mperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Illi l-konvenut irrisponda illi l-incident in kwistjoni ma garax tort tieghu izda bi htija ta' Terence Agius u konsegwentement it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

Ra l-atti tal-kawza u sema' x-xhieda ta' Terence Agius, Alan Desira, Carmel Mifsud u Joseph Spiteri.

Ra d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidra**

Illi l-kollizjoni sehhet f'San Pawl il-Bahar fit-triq fejn hemm ir-restaurant maghruf bhala Portobello. L-attur Terence Agius kien gej min-naha tal-Gillieru sejjer lejn Bay Square izda fl-inhawi kien ghamel U-turn u dahal fit-triq in kwistjoni kontra l-*one-way* ghax ried jipparkja billi kien lemah karozza hierga mill-pozizzjoni tal-*parking*. It-triq in kwistjoni dakinhar ta' l-incident kienet *one-way* kontra d-direzzjoni li kien qed isuq l-attur izda qabel kienet *two-way*. Huwa hu jsuq l-attur ighid illi ra karozza hierga mill-*parking* u li naqqas il-velocita' biex din il-karozza tohrog halli hu jkun jista' jipparkja minflokha u meta hu ghamel hekk giet il-karozza tal-linja misjuqa mill-konvenut u baqghet diehla go fih u laqtitu minn wara. Hu kien bi hsiebu jipparkja fuq in-naha tal-lemin ta' l-istess triq, cjoe' n-naha tad-*driver*.

Il-konvenut xehed illi hu kien qed isuq ix-xarabank gewwa *bus-lane* u f'triq li kienet riservata ghal hekk u f'hin minnhom kien ra karozza tidhol quddiemu fil-kareggjata tieghu u din il-karozza kienet miexja bil-mod u waqfet u huwa waqaf. Il-karozza regghet imxiet u hu baqa' miexi warajha u sslowjat u l-konvenut isslowja mbaghad il-karozza misjuqa mill-attur regghet bdiet issuq u waqfet f'salt, izda din it-tielet darba x-xarabank ma waqfitx *in-time* u baqghet diehla gol-vettura misjuqa mill-attur.

Filwaqt li l-attur gie korroborat minn Alan Desira, l-konvenut gie korroborat mix-xhud Spiteri.

Hemm kunflitt bejn il-partijiet dwar jekk l-attur kienx fil-fatt isslowja u waqaf aktar minn darba qabel l-incident. Skond l-attur huwa sslowja darba, mbaghad habat mieghu l-konvenut u skond il-konvenut din il-manuvra saret aktar minn darba.

It-Tribunal jidhirlu illi din id-divergenza ma tantx taghmel differenza ghar-responsabbilta' ta' l-incident. Mill-banda 'l wahda huwa minnu li l-attur kien qed jikser ir-regolamenti tat-traffiku fis-sens illi huwa ma kellux dritt li jsuq fil-kareggjata li kien qed isuq fiha ghax kienet *bus lane* u inoltre l-kumplament tat-triq kienet *one-way* bil-kontra. Kien qed isuq ukoll go *lane* li kienet riservata esklussivament ghall-karozzi tal-linja. B'daqshekk pero' ma jfissirx li huwa kien responsabbli ghall-incident u t-Tribunal irid jezamina, ghall-finijiet ta' din il-kawza, jekk kienx dan in-nuqqas ta' tharis tar-regolamenti li kien ikkawza l-incident jew le. Jrid jigi ezaminat x'kienet il-kawza prossima ta' l-incident.

It-Tribunal jidhirlu illi ma kienetx il-manuvra *per se* ta' l-attur li tat lok ghall-incident in kwistjoni. L-incident in kwistjoni gara unikament ghaliex il-konvenut li kien qed isuq wara l-vettura ta' l-attur u kien jaf biha u ghalhekk ma jistax ighid li gie nfaccat b'emergenza mhux mistennija, ma zammx distanza sufficjenti wara l-vettura misjuqa minn Agius.

Galadarba huwa kien jaf jew seta' jinduna li din il-vettura kienet qieghda tinstaq bil-mod u fil-fatt skond il-konvenut kienet qed timxi u tieqaf, timxi u tieqaf, missu zamm aktar distanza bejnu u bejn il-vettura ta' l-attur u mhux ihalli lilu nnifsu jigi sorpriz, almenu kif ighid hu, li meta din il-karozza f'daqqa wahda waqfet, li huwa ma kellux spazju bizzejjed biex jieqaf ukoll. Huwa seta' facilment basar li l-attur kien qed ifittex *parking*.

Il-kawza prossima ta' l-incident kien is-sewqan tal-konvenut li ma zammx distanza bizzejjed bejnu u l-vettura ta' quddiemu u b'hekk meta din waqfet jew isslowjat, ma kellux distanza sufficjenti sabiex jieqaf. Illi ghalhekk il-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident.

Ghar-rigward il-*quantum* tad-danni mitluba, dawn gew sodisfacentement pruvati mid-dokumenti esebiti u inoltre l-konvenut ma kkontestahhomx.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' hames mija w erbgha u sebghin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm574.16c) bl-ispejjez u bl-interessi mis-17 ta' Lulju 2003 (data tan-notifika ta' l-Avviz) sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------